**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 21 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 199/22 AL

A B C

vs

D C

(MR Numru 2403/2013)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi hija zzewget lill-intimat Roderick Vella fis-sebgha ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (07.09.2013) fir-Registru taz-Zwiegijiet fil-Belt Valletta u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elfejn erbgha mija u tlieta

tas-sena elfejn u tlettax (2403/2013) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono ta' l-ghaxra ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (10/11/2020) - (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).

3. Illi ulied il-partijiet huma minorenni u cioe' E u F li twieldu fil-31 ta' Mejju 2011 u 29 ta' Dicembru 2015 rispettivament u li ghalihom hemm provdut il-hlas ta' manteniment skond il-provedimenti tal-kuntratt ta' separazzjoni;

4. Illi ghaddiet aktar minn sena mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal partijiet.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma' Roderick Vella hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi illi huwa ha konjizzjoni tar-rikors ta' Loredana Stefania Vella u jaqbel mal-kontenut tieghu u d-dokumenti annessi;

Illi huwa jaqbel ukoll mat-talbiet kif premessi mill-esponenti;

Illi huwa pero jitlob li ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza, jekk ikun il-kaz minhabba t-talbiet u l-istess kawza gew mibdija esklussivament mill-esponenti;

Illi huwa jissottometti u jaqbel li wara din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' din ir-risposta u tal-affiavit li qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. RV, tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' April 2022;

Rat ir-risposta li tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Novembru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.